Qorti ta’ l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 561/2005

**Joseph Camilleri (ID 378064M)** **(appellat)**

**vs**

**Joseph Zammit u martu Maria Zammit ghal kull interess li jista' jkollha**
**(appellanti)**

Il-Ġimgħa, 29 ta’ Lulju 2016.

L-attur ħarrek lill-konvenuti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u talab dikjarazzjoni li l-vettura tal-marka Trukk Isuzu bil-hiab u bin-numru ta' reġistrazzjoni GBC-228 li xtara mingħand il-konvenut kellha difetti latenti, tillikwida riduzzjoni fil-prezz, u tikkundanna lill-konvenuti iħallsuħ is-somma li tiġi likwidata kif ukoll l-imgħaxijiet legali mid-data tal-bejgħ, ossija dakinhar li tħallas lilhom il-prezz sal-pagament effettiv.

Il-konvenuti wieġbu:

1. Preliminarjament, l-azzjoni attrici hi nsostenibbli ġialadarba l-vettura ma ġietx depożitata taħt l-awtorita' tal-qorti qabel ippropona l-kawża. Il-vettura kienet u għadha fil-pussess tal-attur.

2. Fil-meritu u mingħajr preġudizzju ghas-suespost, il-vettura ma kellhiex difetti latenti fil-mument tal-bejgh. Ghalhekk it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

3. Il-konvenuti ma kinux jafu bl-ebda difetti, u dan ghall-finijiet ta' l-Artikolu 1429 tal- Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Permezz ta’ sentenza tal-15 ta’ Ottubru 2012, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ċaħdet l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti, laqgħet it-talba tal-attur u llikwidat somma ta’ erbat elef, mija u għaxar Euro (€4,110) u kkundannat lill-konvenut iħallas din is-somma flimkien ma’ l-imgħax mid-data tal-bejgħ, sad-data tal-pagament effettiv, u bl-ispejjeż kollha a karigu tiegħu.

Il-konvenuti appellaw mis-sentenza, bl-aggravji li:-

1. L-Ewwel Qorti straħet fuq ir-rapporti tekniċi. Ma ġiex pruvat li d-difetti li minnhom ilmenta l-appellat kienu jeżisti qabel ġie konkluż il-bejgħ. Għaldaqstant, l-ewwel qorti kellha tilqa' t-tieni eċċezzjoni tal-appellanti u tiċħad it-talbiet tal-appellat.
2. Peress li l-ħlas kien ta' ammont li ġie likwidat permezz ta' sentenza ta' qorti, il-qorti ma kellhiex takkorda l-imgħax mid-data li ġiet preżentata l-kawża.

L-appellat wieġeb li:

1. is-sentenza hija ġusta u timmerita konferma.
2. l-ammont tal-ispejjeż kien magħruf sa minn qabel infetħet il-kawża.

**Fatti.**

L-appellat xtara trukk mingħand Joseph Zammit bil-prezz ta' Lm6,900. Wara illi ftehmu fuq il-prezz, r-rikorrent qal lill-intimat illi ried jippruvah. L-appellat ħa mekkanik miegħu, certu Joseph Muscat. Huma saqu l-vettura minn Hal Qormi (Imriehel) sa H'Attard u lura u l-vettura kienet tidher illi kienet tajba. Meta waslu lura Hal Qormi, il-mekkanik eżamina il-magna tat-trukk minn barra u tella kemm il-kabina tat-truck kif ukoll il-kaxxa, u kollox kien jidher tajjeb. L-appellat ħallas depozitu ta' mitt lira Maltin (Lm100) u ftiehem mal-appellant li erbat ijiem wara jingħata l-vettura. Dakinhar tal-konsenja, sar il-ħlas ta' Lm6,800 u saqu l-vettura miz-Zejtun ghal Birzebbugia sabiex isir it-transfer ghand il-kumpannija assikuratriċi.

Sussegwentement, l-appellat ghamel xi tibdil fil-vann, fosthom illi jtawwal il-gibb u ħaxxen ic-channels tal-kaxxa tat-trukk. Xogħol li dam għaddej xi tlett ġimgħat. Meta beda jagħmel użu mill-vettura għax-xogħol bdew jinqalaw sensiela ta' problemi.

**Meritu.**

1. L-appellat ippropona l-azzjoni estimatorja li l-għan tagħha hu li l-qorti tordna riduzzjoni fil-prezz li ħallas lill-bejgħ minħabba li fi żmien tal-bejgħ l-oġġett kellu difett latenti.

2. L-ewwel aggravju tal-appellant hu kritika tal-apprezzament tal-provi li għamlet l-ewwel qorti. L-appellant isostni li ma saritx prova li d-difetti kienu jeżistu fid-data tal-bejgħ. Difetti li huma elenkati f'żewġ rapporti li saru minn Philip Zammit, li nħatar mill-qorti sabiex jagħti opinjoni teknika. Hu kkonstat difetti:

   i. Ħsara fis-*cylinder head*;
   ii. Ħsara fil-hiab;

iii. Ħsara fil-kaxxa tal-vettura;
iv. Ħsara fil-gearbox tal-vettura u tal-*hoist*.
v. Fil-pompa li tħaddem il-hiab (*Power Take Off*).

Fir-rigward tal-ħsara li tissemma f'paragrafi (i) sa (iv), il-perit tekniku rrelata:-

*"Fil-fehma tas-sottoskritt, il-ħsarat kollha hawn fuq deskritti, u cioe' kemm dawk gia msewwija, kif ukoll dawk li għad iridu jiġu riparati, kienu kollha eżistenti qabel ma dan it-trukk inxtra mis-sur Joseph Camilleri*".

Meta xehed in eskussjoni (seduta tal-24 ta' Ottubru, 2007), wara li semma l-ħsara li kellha l-vettura, qal:

*"Mistoqsi dawn iż-żewġ tipi ta' ħsarat li semmejt, liema minnhom kienu ta' natura ta' difetti moħbija, **ngħid illi kienu kollha moħbijin**. Kif għidt, fil-konklużjoni tiegħi a fol. 78 u 79 tal-process, **il-ħsarat kollha li rriskontrajt kienu kollha eżistenti qabel ma dan it-trukk inxtara mis-sur Joseph Camilleri**….*

***Mistoqsi jekk jirriżultalix li l-attur għamel extension tal-hiab, ngħid li iva rriżultali. Mistoqsi jekk din l-estensjoni tal-hiab kinitx teffetwa d-difetti li rriskontrajt jew li kienu qed jirriżultaw meta eżaminajt il-vettura, jiena ngħid illi le**. Kienu ndipendenti minn dan għaliex meta wieħed jagħmel l-estensjonijiet li jrid wieħed xorta jrid jikkunsidra illi l-hiab għandu certu toqol li jrid jerfa' u l-limitu in kwistjoni ma jistax jinqabeż. Jekk il-hiab iħoss li qed ittih iktar piż, hu għandu nkorporat fih pressure relief arm illi jkun jista' permezz tagħha jneħħi dik is-saħħa żejda li jkun qed jingħata. Jiena neskludi li l-estensjoni tal-hiab effetwat xi ħsarat irriskontrati."*

3. Fil-provi m'hemmx opinjoni teknika li tikkontradici l-opinjoni ta' Philip Zammit. L-appellant ma ta l-ebda raġuni li tista' tikkonvinċi lill-qorti li l-ewwel qorti kellha tiskarta dik l-opinjoni, li hi prova. Kif qal l-appellant, *"l-prova li kien hemm difett fil-mument tal-bejgħ jirrikadi fuq il-parti li tallega tali vizzju…."* (fol. 8). Prova li l-appellat għamel permezz tal-perit tekniku.

4. Kuntrarjament għal dak li ssuġġerixxa l-appellant, il-fatt waħdu li qabel sar il-bejgħ l-appellat ipprova l-vettura fil-presenza ta' mekkanik, ma jfissirx li ma kienx hemm ħsara fis-*cylinder head*. M'hemm l-ebda prova teknika li l-fatt li l-vettura nstaqet kemm qabel u wara li sar in-negozju, ifisser li sakemm sar il-bejgħ is-*cylinder head* ma kellhiex ħsara. Ħsara mekkanika f'vettura mhux bilfors tissarraf li l-vettura tieqaf minnufih. Fil-fatt fl-ewwel rapport tal-perit tekniku, jingħad:

*"Gie muri wkoll il-parts qodma li nbidlu biex issewwiet is-cylinder head. Wieħed minn dawn il-parts kien hose pipe tal-ilma tal-magna. Is-sottoskritt innota illi fuq ġewwa, dan l-istess pipe kellu lega ta' kulur ħamrani, liema kulur huwa simili ghall-kulur tal-likwidu li wieħed jitfa' fil-coolant biex isodd temporanjament xi xaqq irqiq, imsejjah crack seal. Din it-tip ta' tiswija hija waħda temporanja."*

Mela jeżistu mezzi biex wieħed ikun jista' jkompli juża l-vettura minkejja li jkun hemm xaqq fis-cylinder head. Rimedju li jidher li l-appellant kien qiegħed jagħmel użu minnu qabel biegħ il-vettura lill-appellat.

5. Hu minnu li fir-rapport *ex parte* li pprezenta l-appellat, il-ħsara li tissemma hi fis-*cylinder head* u fil-hiab. Pero' ma jirriżultax li Joseph Zammit kien eżamina l-gearbox. L-appellat xehed li kien wara li Zammit spezzjona l-vettura li beda jisma' ħoss fil-gearbox[1]. Mhux verosimili li din il-ħsara saret waqt li t-trukk kien fil-pussess tal-appellant, meta tqies li meta l-appellat l-ewwel darba semgħa l-ħoss, it-trukk kien ilu għandu ftit xhur[2].

6. L-appellant isostni wkoll li l-appellat ammetta li kien immodifika l-*hiab* billi tawwal il-ġibb bi tmien piedi, u jistaqsi:

*"Kif jista' qatt, anke fuq bilanċ ta' probabiltajiet., wieħed jasal ghal konklużjoni li tali sistema*[3] *kienet diġa defiċjenti jew difettuża fil-mument tal-bejgħ, meta l-attur – mghejjun minn ħut martu – kien għamel xoghlijiet fuq l-istruttura de qua, hekk kif minnhom stess konfessat ?"*

Pero' m'hemmx prova teknika li x-xogħol li sar fuq il-ġib ta lok biex saret il-ħsara li kkonstata l-perit tekniku[4], li min-naha tiegħu eskluda kategorikament li l-modifika fil-ġibb kienet is-sors tal-ħsara. Saħansitra ta spjegazzjoni wkoll għalfejn il-modifika li saret ma kinitx is-sors tal-ħsara (ara estratt riprodott hawn fuq mill-eskussjoni tal-perit tekniku).

7. L-appellanti kkritikaw is-sentenza tal-ewwel qorti għaliex straħet fuq ir-rapport ta' Philip Zammit. Ma tressqux provi li jwasslu lil din il-qorti biex tikkonkludi li l-ewwel qorti kellha tiskarta dik il-prova. L-appellanti ma pprovdewx prova teknika biex jegħlbu tali prova. Fis-sentenza **Grech vs Grech e**t tal-25 ta' Settembru 2003, il-Prim'Awla osservat:

*"Bil-ligi u b`harsien tal-massima dictum "expertorum numquam transit in rem judicatam" il-Qorti mhix marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet tar-rapport tal-perit mahtur minnha kontra l-konvinciment taghha nfisha. Imma l-fehmiet ta` perit mahtur minn qorti u maghmula f`rapport imressaq minnu m`humiex semplicement opinjonijiet izda jikkostitwixxu prova ta` fatt, specjalment f`oqsma fejn il-hatra tkun dwar hwejjeg teknici. Fehmiet bhal dawk m`ghandhomx, l-aktar fejn parti ma tkunx irrikorriet ghall-*

---

[1] *"Ngħid ukoll li wara li t-trukk kien ġie spezzjonat mit-tekniku Joe Zammit, iżda qabel infetħet il-kawza, jiena kont mort ġarrejt b'dan it-trukk xi travetti u fallakki fuq il-lant tax-xogħol, iżda f'dik l-okkazzjoni ma kont użajt il-hiab. Ngħid ukoll li anke f'din l-okkazzjoni nnotajt li l-gearbox kienet bdiet tgħanni, u cioe', tagħmel ħsejjes mhux tas-soltu."* (affidavit tal-appellat).

[2] Fit-30 ta' Novembru 2005, l-appellat ippreżenta l-kawża.

[3] L-appellant qiegħed jirreferi għas-sistema idrawlika tal-hiab.

[4] Fl-ewwel rapport, il-perit tekniku li wara li eżamina s-sistema idrawlika, *"... rriżulta illi t-3 way valve tal-Hi-up kien qed jagħmel iż-żejt. Il-hoist gearbox kienet qed tagħmel ħoss ikrah meta jitħaddem il-winch tal-Hi-up. Mal-pilastru tal-Hi-up, fejn kienet imwaħħla din il-gearbox, kien hemm carcira niexfa ta' żejt."*

*hatra ta` periti addizzjonali, tigi mwarrba kif gieb u lahaq, sakemm ma jkunx jidher sodisfacentement li tali fehmiet huma, fil-kumpless kollu tac-cirkostanzi, irragonevoli."*

Lanqas mhu biżżejjed li jitfgħu dubju fuq il-konklużjoni tal-perit tekniku billi jgħidu li saru xogħlijiet fuq il-vettura qabel ma tfaċċaw id-difetti. L-oneru tal-prova kien fuqhom li jikkonvinċu lill-qorti li dawk ix-xogħlijiet ikkawżaw id-difetti in kwistjoni. Inoltre, d-difetti ma tfaċċawx fejn saru l-alterazzjonijiet, li kienu jikkonsisti fit-tisħiħ tal-kaxxa tat-trakk u fl-estensjoni tal-ġibb, u ma kellhom x'jaqsmu xejn mal-magna tat-trakk.

8. Fir-rikors tal-appell, l-appellanti jistaqsu kif, *"... l-kostatazzjonijiet maghmula fil-31 ta' Mejju 2007 (a fol. 73) u dawk datati 28 ta' Marzu 2008 (a fol. 100) mill-perit relatur, ikkonducew l-istess jikkonkludi li l-mankamenti kienu, fuq bazi ta' certezza, risalenti ghal Gunju, 2005 (data tal-bejgħ) ?"* Pero' din hi domanda li l-appellanti kellhom interess li jagħmlu waqt l-eskussjoni tal-perit ġudizzjarju u mhux f'nota ta' sottomissjonijiet. Il-fatt li ma saritx tali domanda u għalhekk m'hemmx tweġiba, m'għandux iwassal lill-qorti biex tiskarta l-opinjoni tal-perit tekniku. Ir-riferenza ghall-Artikolu 681 tal-Kap. 12 ma tgħinx it-teżi tal-appellanti. Kienet tkun rilevanti kieku saret id-domanda u l-perit tekniku ma weġibx jew ta spjegazzjoni mhux sodisfaċenti. Il-fatt jibqa' li l-qorti ghandha parir tekniku[5].

9. Mill-provi jirriżulta b'mod ċar mhux biss li d-difetti kienu hemm fil-mument tal-bejgħ, iżda li l-bejjiegħ kien qarraq bil-xerrej meta waqt l-innegożjar ma nfurmahx bid-difett li kien hemm fis-cylinder head. Fil-fatt irriżulta li kien hemm il-presenża ta' dak li deher li hu *crack sealer* li temporanjament sadd il-qsim li kien hemm fis-*cylinder head* (ara deposizzjoni ta' Joseph Zammit li spezjona l-vettura fuq inkarigu tal-appellat, l-espert tal-qorti, u Joseph Muscat).

10. L-appellanti pprovaw ukoll isibu rifuġju fuq il-fatt li l-appellant u ħuħ (Emanuel Zammit), wara li sar il-bejgħ, kienu raw il-vettura għaddejja fit-triq. Dan hu tentattiv fjakk biex jipprovaw jattakkaw il-kredibilita' tal-prova teknika. Il-fatt li seta kien hemm xi okkazzjoni meta raw il-vettura għaddejja fit-triq, ma jfissirx li meta sar il-bejgħ ma kellhiex difetti moħbija.

11. L-appellanti jargumentaw ukoll li qabel il-bejgħ, l-appellat kien eżamina l-

---

[5] Il-Qorti tal-Appell fid-9 ta` Frar 2001, fil-kawza **Camilleri nomine vs Debattista**, qalet: *"Ikun prużuntuż għall-ġudikant illi jiddipartixxi bla raġuni verament valida mir-relazzjoni teknika. Dan mhux biss għax ma kellux il-mezzi għad-disposizzjoni tiegħu biex serenament jinoltra ruħu fl-aspetti tekniċi tal-mertu, imma wkoll għaliex neċessarjament tkun tonqsu dik il-konoxxenza meħtiega biex, b`mod kritiku, jasal għal konvinċiment divers minn dak li jkun wasal għalih l-espert nominat minnu."*

vettura bl-assistenza ta' persuna teknika. Għalkemm l-oġġett tal-bejgħ tarah persuna tal-mestjier, b'daqshekk ma jikkonvertix id-difett moħbi f'wieħed apparenti. Il-qorti fehmet li kull ma sar kien li l-vettura nstaqet ftit[6] u l-mekkanik ra l-magna u ma rriżultalux li kellha difetti. Rilevanti hi s-sentenza ta' din il-qorti[7], **Victor Anastasi v Nicholas Parnis England** tat-28 ta' Marzu, 2007:

*"Issa fil-kaz odjern, kif ravvizat ukoll mill-elenku tal-fatti supra, ma jistax certament jinghad illi l-attur appellanti ma wzax dak l-isforz ta' diligenza li tippreciza s-sentenza appena citata. Huwa sahansitra rrikorra ghall-awzilju ta' esperti teknici snin qabel il-finalizzar tal-kontrattazzjoni u dawn serrhulu rasu li kollox kien sew. Kif taraha din il-Qorti, l-indikazzjoni jew id-determinazzjoni ta' l-istat ta' over heating ma kinitx per se tavvertih bl-ezistenza ta' xi difett mohbi fil-blokka kemm ghaliex l-istess teknici u l-konvenut innifsu accertawh mill-kwalita` u l-integrita` tal-vettura, kif ukoll ghaliex fil-kors tal-process rettifikatorju mill-Continental Cars ta' problema konsimili insorta qabel il-bejgh dawn ma kinux individwaw xi mankament serju ghal dik ir-raguni. Huwa dubitat minn dan kemm tabilhaqq jista' jingibed b' xi inferenza illi l-attur, ghalkemm xjenti mill-fatt ta' l-overheating, kien jaf jew messu kien jaf, bil-crack fl-engine block. Crack din li la kienet vizibbli u lanqas accessibbli gjaladarba nstabet li kienet mohbija taht is-cylinder head. Sewwa gie rilevat mill-Qorti ta' l-Appell Kummercjali tal-10 ta' Dicembru 1951 in re: "Thomas Colgnhour -vs- Robert Butler", f'kaz trattasi wkoll minn bejgh ta' vettura "sekonda man" li kellha crack fir-rear axle casing illi "the Court, therefore, thinks that … even though the car being bought was expressly stated to be a used car, and the buyer, therefore, was expected to be in the look out for the short-comings, still the crack at the time of the sale was not such that the buyer could have discovered it on inspecting the car with ordinary diligence" U "what could not be detected by defendant's mechanic … could not be easily apparent for plaintiff" (Kollez. Vol. XXV P I p 307)."*

Il-qorti tfakkar ukoll li skond l-Artikolu 1425, bejjiegħ mhuwiex responsabbli ghal dawk id-difetti li jidhru, *"illi x-xerrej **seta' jsir jaf bihom waħdu**."* Fis-sentenza **Carmelo Bezzina et vs Gio Maria Bonnici et**, deċiża mill-Prim'Awla fl-10 ta' Lulju 1950 (Vol. XXXIV.ii.612), intqal:

*"Biex il-venditur ikun meħlus mill-obbligu tal-garanzija ex jure, hemm bżonn ta' żewġ kondizzjonijiet, u ċjoe' li l-vizzju jkun apparenti u li x-xerrej seta' jafu waħdu[8]. U l-ligi ma tirrikjedix fix-xerrej diliġenża u attenzjoni straordinarja, imma dik **ordinarja**."*

Il-qorti tfakkar ukoll li l-appellat xehed: *"Nghid illi jien kont tlabt lill-konvenut jaċċertani li kollox kien sew u qatt ma kellu problemi bil-vetturi*

---

[6] Issemma mill-Imrieħel ghal H'Attard.
[7] Imhallef P. Sciberras.
[8] F'dan ir-rigward ferm rilevanti hi s-sentenza tal-Qorti tal-Appell, **Emmanuele Florian vs Rosario Desira** tad-9 ta' Gunju, 1969. Il-qorti qablet mat-teżi li m'hemmx għalfejn li x-xerrej ikollu l-assistenza ta' persuna teknika; *"Verament kieku dan ma kienx hekk, allura fid-dinja mekkanizzata u teknologika tal-lum il-bniedem ordinarju kien isib ruħu fil-posizzjoni li appena jista' jaghmel pass fil-ħajja tiegħu ta' kuljum (li minnha x-xiri jokkupa parti tant importanti) mingħajr l-awżilju kostanti tat-tekniku fil-waqt tax-xiri."*

*in kwistjoni. Kien ħalifli li stajt naqbad u nibda naħdem bit-trukk dak il-ħin stess għaliex kollox kien sew, u ma kellux problemi."* (affidavit). Għalhekk l-appellant stess bi kliemu eskluda li t-trukk kellu xi difetti.

12. L-appellanti saħansitra argumentaw li l-vettura kienet *second hand* u għalhekk dawn id-difetti wieħed jistennihom. Difiża li ma tissemmiex fin-nota tal-eċċezzjonijiet. F'kull każ, meta jinbiegħ oġġett użat, b'daqshekk ma jfissirx li l-bejjiegħ ikun eżenti milli jiggarantixxi kontra d-difetti moħbija. Fil-fehma tal-qorti, m'hemm l-ebda prova li d-difetti li nstabu wara li sar il-bejgħ, kienu difetti li wieħed kellu jistennihom f'vettura *second hand* wara li ħallas prezz ta' €16,072.68. M'hemmx provi li d-difetti varji li nstabu kienu riżultat ta' *wear and tear* normali li wieħed għandu jistenna fuq vettura ta' dik ix-xorta, wara disa' snin[9]. Biżżejjed li ssir riferenza għal ħsara fis-*cylinder head*. Meta tqies il-varji difetti li ġew riskontrati fil-vettura fiż-żmien li nxtrat, il-qorti bla eżitazzjoni tikkonkludi li d-difetti kienu ta' certu gravita' li xerrej ma kellux jistenna li l-vettura kien ser ikollha[10]. Iktar u iktar meta l-bejjiegħ assigura lix-xerrej li t-trukk ma kellux difetti u seta' jmur u jibda jagħmel użu minnufih. Żgur li l-appellant ma kienx qiegħed jistenna li ser ikollu jidħol fi spiża ta' eluf ta' ewro, wara li kien ħallas prezz ta' €16,072.68. Dan iktar u iktar meta l-appellant stess fin-nota tal-eċċezzjonijiet qal li ma kien jaf b'ebda difett fil-vettura. Jekk ma kienx jaf hu li l-vettura kellha difetti, ma jistax jippretendi li kellu jkun jaf l-appellat. Hu wkoll evidenti li mingħajr it-tiswijiet varji, it-trukk ma kienx idoneju li jintuża ghall-iskop li għaliħ ġie manifatturat.

**<u>Imgħax.</u>**

Dwar l-imgħax, l-appellant għamel riferenza ghal kunċett *in illiquidis non fit mora.* L-appellati talbu l-ħlas tal-imgħax mid-data tal-bejgħ. F'dan il-każ, il-ħlas dovut lill-appellant ġie likwidat bis-sentenza tal-ewwel qorti. Mela l-imgħax kellu jiddekorri minn dakinhar (ara sentenza **Roberta Pisani vs Mark Galea et** tal-Prim'Awla[11], 30 ta' Novembru 2015 u l-ġurisprudenza li hemm riferenza għaliha).

**Għal dawn il-motivi:**

1. **Tiċħad l-ewwel aggravju u għalhekk dwar il-meritu tikkonferma s-sentenza tal-ewwel qorti.**

---

[9] Skond il-log book, il-vettura kienet manifatturata fis-sena 1996.

[10] Joseph Zammit, inkarigat mill-appellat, xehed li kien eżamina s-sistema idrawlika u, *"…. Sibtilha difetti kbar fuqha, dan minħabba telf ta' pressjoni minn diversi leakages u l-aktar difett serju li sibt fuq dan it-trukk kienet is-sistema idrawlika tal-kaxxa. Din meta tkun mgħollija tibda nieżla waħedha f'salt. Għalhekk jiena ma kellix triq oħra ħlief li nikkundanna l-użu ta' dan it-trukk biex ma jintużax għax kien ta' periklu għal kull min qed jużaħ u min jinqabad fil-viċinanżi tiegħu, ovvjament sakemm ma tiġix irranġata l-ħsara in kwistjoni."* (seduta tas-27 ta' Frar 2007).

[11] Imħallef J. Zammit Mckeon.

2. **Tilqa' t-tieni aggravju dwar l-imgħax u tvarja s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-sens li l-imgħax għandu jiddekorri mill-15 ta' Ottubru 2012, ċjoe' d-data tal-ewwel sentenza.**

**Spejjeż tal-ewwel stadju u tal-appell jinqasmu in kwantu ghal 95% a karigu tal-appellanti u 5% a karigu tal-appellati**[12].

Anthony Ellul.

[12] L-appellati għandhom jagħmlu tajjeb ghal parti mill-ispejjeż ġialadarba talbu li l-imgħax ikun dovut mid-data tal-preżentata tal-avviż tat-talba, u ma ngħatawx raġun.